SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tlieta u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 19 ta' Novembru 2010 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-applikazzjoni 4839/10. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.2 Ġiet trattata wkoll l-applikazzjoni 3140/1. Il-Kunsill qabel li għandu jfakkar lil MEPA biex jimxu fuq il-*policies* ta' dik it-triq u sabiex tinkiteb ittra lill-MEPA b'referenza għall-applikazzjoni 5087/04 biex naraw minn suppost għamel it-tarmak tat-triq ta' quddiem din il-blokka appartamenti.

**4.0 Manutenzjoni ta' triq fil-Qawra fid-Dwejra**

4.1 Is-Sindku rrefera għat-talbiet li saru minn diversi sidien ta' boat houses fil-bajja tad-Dwejra, li qed isibu diffikuluta biex jvaraw id-dgħajjes tagħhom. biex jitħammel il-wied fil-Qawra fid-Dwejra peress li l-ilmijiet tax-xita għamlu ħafna ħsara minħabba l-imblokk li hemm fil-Wied. Is-Sindku semma li huwa mar fuq il-post u ħa r-ritratti tax-xogħol meħtieġ. Dawn intbgħatu lid-Direttorat tal-iżvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Ghawdex biex tittieħed azzjoni minn naħa tagħhom. Il-Kunsill huwa nfurmat li d-Direttur ordna li jsir ix-xogħol.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li nforma lid-Direttur Portelli dwar il-ħtiega ta' mantuenzjoni ta' din it-Triq.

**5.0 Armar u Attivitajiet g]al Milied**

5.1 Ġiet tratta l-ittra mingħand l-organizzaturi tas-Circus li ser ikun hawn Għawdex fejn infurmaw li qed joffru prezz ridott għall-gruppi. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza transport għall-grupp u din l-attivita' tkun waħda mill- attivitajiet tal-Milied.

5.2 Bħala attivita' għat-tfal, ġie deċiż li jiġi organizzat festin b'animazzjoni għat-tfal kollha filwaqt li jingħatalhom rigal żgħir kull wieħed.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta wkoll it-tizjin tal-Milied. Ġie deċiż li għal din is-sena nżejjnu l-pjazza biss. Sar qbil li jekk għadhom tajbin għandna nużaw it-tiżjin li għandna u nikru jew nixtru xi ħaġa oħra miegħu. Is-Segretarja għanda tiċċekkja biex iġġib l-aħjar prezzijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

**6.0 Latrina tad-Dwejra.**

6.1 Is-Sindku semma li ġie kkuntatjat mid-Direttur tat-Turizmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex terġa tingħata spinta lil-proġett tat-twaqqigħ u bini mill-ġdid tal-latrina tad-Dwejra. Id-Direttur ltaqa mas-Sindku u s-Segretarja u ġie deċiż li bħala Kunsill nieħdu ħsieb li nerġgħu napplikaw għall-permessi neċessarji tal-MEPA u minn naħa tagħhom jieħdu ħsieb il-bini u l-ispejjes involuti. Il-Kunsill qabel ma dan.

**7.0 Inizjattiva ekoloġika 2011**

7.1 Is-Sindku rrefera għall-inizjattivi ekoloġiċi li l-Kunsill qed jieħu f'dawn l-aħħar snin. Huwa semma li għas-sena 2010 l-inizjattiva ser tkun dik li diġa kien hemm deċiżjoni dwarha jiġifieri din tal- water aerators f'kull residenza. Is-Sindku rrefera għall-quotations miġbura.. Il-Kunsill ikkuntattja diversi operaturi pero kienu tnejn biss li wrew interess. Iż-żewġ kwotazzjoniet tal-istess prodott huma mingħand il-Crosscraft għal €3.10 filwaqt li l-oħra hija mingħand Dominic Department Stores għal prezz ta' €1.97. Il-Kunsill qabel għalhekk li għandu jordna kwantita' ta' 150 mingħand Dominic Department Store biex jitqassmu waħda f'kull household. Ġie deċiż li biex ikollna kontroll assolut fit-tqassim, persuna minn kull dar għandha tiġi bil-karta tal-identita' magħha fil-Kunsill u tiffirma għaliha.

7.2 Bħala inizjattiva għas-sena 2011is-Sindku propona li għandna nwettqu kampanja edukattiva fuq bażi ta' one-to one (kull familja) u fil-kommunita' sabiex esperti jkunu jistgħu jagħmlu proposti lir-residenti kif jagħmlu użu aħjar u jistgħu

jiffrankaw l-enerġija mid-djar tagħhom. Għandha tiġi provduta wkoll edukazzjoni kif jisseparaw l-iskart. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u sar qbil li għandna noħorġu sejħa għall-pubbliku.

**8.0 Kuntratt tal-ġbir tal-iskart.**

8.1 Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jiddiskuti mal-Kunsilli tal-Għarb u l-Għasri dwar il-possibilita li nerġgħu noħorġu offerta kollettiva għall-ġbir tal-iskar. Il-Kunsill qabel li bħala ġranet u ħinijiet għandna nibqgħu kif aħna fil-preżent

**9.0 *Launching* tal-mascot marbut mal-kampanja lokalitajiet indafa**

9.1 Is-Sindku rrefera għall-quotations miġbura għall-ipprintjar tal-ktejjeb ta'tpinġija li ser jitqassam lit-tfal konness mal-kampanja lokalitajiet indaf. L-istimi miġbura kienu mingħand id-Dormax Press li offrew li għall-500 kopja jiġu jiswew €192 filwaqt li mingħand J Debono Printing l- prezz huwa ta' €200. Il-Kunsill qabel li peress li ma tantx hemm differenza fil-prezz għandu jagħżel dik ta' J Debono Printing peress li jkun aktar komdi, peress li qegħdin Għawdex. B'hekk jiġi ffrankat l-ġiri lejn Malta.

9.2 Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu Mascot *lifesize* biex jiġi użat waqt il-konferenza stampa u wara jista' jitpoġġa x'imkien fil-lokalita'. Għall konferenza stampa ġie deċiż li għandu jiġi mistieden is-Segretarju Parlamentari Chris Said. Il-Kunsill qabel unanimament ma dawn il-proposti. Id-data tal-konferenza stampa għandha titħabbar aktar il-quddiem.

**10.0 Materji oħra**

10.1 Is-Sindku rrefera għall-carboot sale li kien ser isir nhar it-28 ta' Novembru u għar-rispons fqir li hemm għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li f'kaz li l-konkorrenza tibqa kif inhi tiġi mħassra. Sadanittant is-Sindku semma li ġie kkuntatjat mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju sabiex flimkien inżommu seminar f'San Lawrenz dwar kif jista jsir presepji minn materjal riċikabbli. L-attivita' tiġi tiswa €100. Il-Kunsill qabel li għandna ntellgħu dan is-seminar flimkien mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex Malta li ħamsa u għoxrin sena ilu kienet twaqqfet fil-lokalita' tagħna. Sar qbil ukoll li din l-attivita titqies bħala l-attivita' tagħna għal European Week for Reycyling.

10.2 Il-Kunsill reġa ddiskuta l-importanza tal-ħtieġa li għandu jiġi kkummnikat il-ġibjun tal-playing field mill-aktar fiss possibbli sabiex jinġabar fih l-ilma tax-xita.

Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nkellmu lil Perit Edward Scerri biex nerġgħu nagħtuh spinta anke fid-dawl tal-proġett ekoloġiku għar-raħal.

10.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett tar-restawr tan-niċċa tad-Duluri. Huwa semma li l-Perita applikat għall-permess tal-MEPA u qed jiġu ppreparati d-dokumenti għat-tender.

10.4 Sar qbil li għandna nerġgħu nistħarrġu jekk tistax issir il-bandla għat-trabi fil-playing field. Is-Sindku saħaq li jekk jinstab post għandha ssir mill-aktar fiss possibbli. Għandhom jinġabbru stejjem għal dan il-għan.

10.5 Is-Sindku rrefera għal-ġebla storika li nsterqet minn Triq ir-Rokon li kienet tfakkar il-vittmi tat-tieni gwerra dinjija. Huwa semma li b'xi għajnuna ta' xi ndividwi rnexxielu jiskopri minn seraqha u avvicinah personalment u erġajna akkwistajniha lura. Huwa semma li issa li din il-ġebla li għandha storja marbuta magħha reġgħet tinsab f'idejn il-Kunsill ikun xieraq li x'ħin titwaħħal nipproteġuha u nagħtu tagħrif tal-istorja tagħha ħdejha. Saret diskussjoni jekk għandiex titwaħħal mill-ġdid fejn kienet jew għandiex tingħata aktar prominenza. Il-Kunsilliera Luiġia Grima pproponiet li għandu jsir speċi ta' plier u titwaħħal fuqha. Kien hemm qbil dwar dan u s-Sindku qal li ser jistħarreġ din il-possibilita'.

Il-laqg]a ntemmet fl-10:30 ta' filg]odu.

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Lucienne Haber |
| Sindku | Segretarju E\ekuttiv |